**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2009**

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tħejji l-atti meħtieġa u motivati biex issir:

1. talba għal rimedju taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali għax il-klijent tiegħek igħid illi saret diskriminazzjoni kontra tiegħu fit-tgawdija ta' jedd imħares taħt il-Konvenzjoni.

2. (a) talba biex il-klijent tiegħek jingħata fakoltà li jappella minn dikriet interlokutorju u (b) appell minn dikriet interlokutorju wara li tkun ingħatat il-fakoltà biex isir l-appell.

3. (a) tweġiba għal rikors maħluf li fih qiegħed jintalab illi l-klijent tiegħek bħala werriet jiġi kundannat iħallas legat imħolli lill-attur fit-testment tal-mejjet; u (b) rikonvenzjoni b'kontro-talba biex l-attur jikkonsenja lill-klijent tiegħek ħwejjeġ tal-wirt li jinsabu f'idejh.

4. talba għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju maħruġ kontra l-klijent tiegħek, b'talba għall-ħlas ta' danni u penali.

5. talba biex appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) jitqiegħed mill-ġdid fuq il-lista sabiex jinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali wara li dan l-appell kien ġie dikjarat deżert billi l-klient tiegħek, Joseph Borg, għalkemm apparentement notifikat b-avviż tas-smigħ ma kienx deher għall-udjenza.

6. talba sabiex il-klijent tiegħek, Michael Borg, li kien aċċetta li joqgħod bħala pleġġ fis-somma ta' €12,000 biex Joseph Vella jkun jista' jingħata l-ħelsien mill-arrest fil-pendenza tal-proċeduri kontra tiegħu, jinħeles minn din il-pleġġerija. Vella jinsab akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja bi traffikar ta' persuni, li għex f'kollox jew in parti minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni tas-sieħba tiegħu, u li hu reċidiv.

**Parti B**

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat dikriet li bih ordnatlek tiddefendi l-akkużat f'kumpilazzjoni kriminali. L-akkużat għadu ma ħallasx lill-avukat li kien jippatroċinah qabel għax għandu xi problema mal-istess avukat dwar ħlasijiet. X'għandek tagħmel biex inti tkun etikament korrett lejn l-avukat l-ieħor?

2. Ġejt mistieden sabiex fil-kapaċità tiegħek ta' avukat tieħu sehem fi progamm tar-radju li fih is-sehem tiegħek għandu jkun illi inti tagħti biss tagħrif dwar materja magħżula. Ftit tal-ħin qabel jibda l-programm il-preżentatur jgħidlek illi sejrin isiru telefonati mis-semmigħa biex jitolbuk pariri legali. X'għandha tkun il-pożizzjoni tiegħek dwar dan l-iżvilupp?

3. Fisser u ikkummenta dwar il-Prinċipji Ġenerali taħt l-Ewwel Taqsima ta' l-Ewwel Kapitolu tal-Kodiċi ta' Etika u Mġieba għall-Avukati, dwar kif għandu jġib ruħu avukat.